MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 127/1990/1

**Paul Zammit**
**Vs**
**Charles Fenech u martu Anna Fenech**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi kien ikkonceda lil konvenuti sabiex juzaw ghal skop ta' abitazzjoni l-fond numru wiehed u tmenin (81) St. John Baptist Street, Sliema bl-ghamara kollha ta' go fih u dan minghajr hlas u bil-kondizzjoni esplicta illi l-attur ikollu dritt jiehu lura l-pussess tal-fond *de quo* meta jrid.

Premess illi l-attur kien talab lil konvenuti sabiex johorgu mill-imsemmi fond sal-31 ta’ Jannar, 1989.

Premess illi l-konvenuti illegalment u abbuzivament irrifjutaw milli jizgumbraw mill-imsemmi fond.

Premess illi in segwitu l-attur ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ deskrizzjoni fuq il-mobbli ezistenti fil-fond *de quo* liema mandat gie ezegwit fis-7 ta’ Marzu, 1989.

Premess illi l-attur kien prezenti waqt l-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat u skopra illi l-konvenuti kienu ikkagunaw danni ingenti fil-mobilja proprjeta’ tal-attur ezistenti fil-fond *de quo* liema mobilja ma kellha l-ebda hsara meta l-konvenuti dahlu f’dan il-fond.

Premess illi l-attur skopra wkoll illi kien hemm diversi oggetti proprjeta tieghu nieqsa.

Premess illi fil-fatt ukoll l-attur kellu bzonn dan il-fond sabiex jakkomoda fih diversi persuni strangiera illi minhabba l-agir abbuziv u llegali tal-konvenuti l-attur kellu jhallas ghall-akkomodazzjoni taghhom f’Hotel.

Premess illi wkoll l-attur tilef diversi okkazzjonijiet li jikri l-fond *de quo* b’ammont ta’ kera konsiderevoli kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti,

1. tiddikjara lil konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-agir illegali u abbuziv tal-istess konvenut kif ukoll ghad-danni minnhom kawzati fil-proprjeta’ tal-attur.

2. Tillikwida dawn id-danni okkorrendo permezz ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' deskrizzjoni tat-2 ta' Marzu, 1989 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru presentati fit-23 ta' Novembru, 1989 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 9 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi mhuwiex minnu dak li qieghed jinghad fic-citazzjoni illi l-esponenti illegalment u abbuzivament irrifjutaw li johorgu mill-fond jew ghamlu xi hsara.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 19/21 li bih gie nominat il-Perit J. Huntingford;

Rat id-digriet a fol. 30 li bih gie nominat il-Perit Jaccarini minflok il-kompjant Perit Huntingford;

Rat ir-relazzjoni tal-perit Jaccarini a fol 57;

Rat id-digriet a fol. 126 u a fol. 141 li bih gie ordnat li dina l-kawza tinstemgha kontestwalment mal-kawza 1110/92 FGC bejn l-istess partijiet;

Rat il-verbal a fol. 152 li bih Dr. Mangion ghall attur informa lill Qorti li dwar it-telf ta' kera, dina l-kwistjoni giet sorvolata bir-relazzjoni tal-Perit Jaccarini fuq il-kumpens tal-lokazzjoni; dwar l-mobbli ghamel referenza ghal-provi migbura mill-Perit Jaccarini, ghax xhieda tal-Perit Refalo a fol 146; ghac-certifikat tal-Perit Refalo a fol. 94; u ghax xhieda ta' l-attur quddiem il-Perit Jaccarini a fol. 147 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti kienet innominat lill Perit Jaccarini biex jirrelata dwar it-talba ta' l-attur biex jigu likwidati d-danni li sofra meta l-konvenuti irrilaxxjaw il-fond li hu kien silifhom biex jabitaw fih, u kien sab hsara fil-mobbli u diversi oggetti proprjeta' tieghu neqsin mill-fond.  L-attur ippretenda li meta l-konvenuti ma rrilaxxjawx il-fond meta talabulhom hu tilef diversi okkazzjonijiet li jikri l-fond b'ammont konsiderevoli ta' kera.

Illi dwar dina l-ahhar pretensjoni ta' l-attur il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha moghtija illum stess fil-kawza 1110/92 bejn l-istess partijiet.

Kwantu ghat-talba dwar danni sofferti mill-attur, il-Qorti taghmel referenza ghall-konkluzzjonijiet tal-Perit tekniku nominat fejn huwa llikwida dana l-ammont fis-somma ta' Lm860.64, liema somma ma gietx kontestata.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghmillhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur
U tikkundanna lill konvenuti ihallsu lill attur is-somma ta' tmien mija u sittin lira u erbgha u sittin centezmu (Lm860.64) bl-ispejjez kontra l-konvenuti;
U bl-imghax mit-3 ta' Marzu 2000

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------